# Imkejjen residenzjali fil-Ħamrun fil-bidu ta' l-iżvilupp tiegħu: Il-Kerrejjiet

— *minn Dr Raymond Mangion* —

■ Huwa storikament magħruf minn kulħadd li l-Ħamrun kotor u kiber f'kemm wieħed irodd salib fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu l-ieħor, jiġifieri tas-seklu dsatax. It-tkabbir tat-Tarzna Maltija fil-Kottonera u l-ftuħ tal-"Port il-Ġdid" fil-Marsa minbarra ż-żieda tal-popolazzjoni Maltija fl-istess żmien, l-iktar lejn il-belt Valletta u d-dintorni tagħha, kienu wasslu biex il-wesgħat ta' barra l-kapitali tagħna jintlew dlonk bil-bini u biex saħansitra jiffurmaw kommunità ċivika u ekkleżjali li tistabbilixxi lilha nnfisha bħala waħda mill-ewlenin bliet u subborgi ta' Malta u Għawdex kif nafuha llum: il-Ħamrun.



Il-kerrejja li kien hemm fi Triq Dun Nerik Cordina Peres u li twaqqgħet f'Awissu tas-sena l-oħra.

L-inħawi tal-Ħamrun kif nafuhom illum kienu qajla proprjetà tal-Gvern qabel l-iżvilupp urbanistiku tagħhom u l-bosta raba u għelieqi li kienu mifruxin matul il-meded tagħhom, u l-ftit bini li kien diġà twaqqaf fuq il-mintba "Tas-Samra", fil-ħara "ta' Santunuzzu" u fl-imkien ta' Sqaq il-Kubrit, kienu jkunu biss imqabblin jew mikrijin lil min kien jinqeda bihom biex jgħix jew jaħdem fihom.

Dawn l-inħawi kellhom, fil-fatt, sidien privati, li fosthom kienu jispikkaw il-Knisja Maltija u ordnijiet reliġjużi Maltin, u barunijiet u familji nobbli

Maltin. Firxa enormi ta' art minn fejn illum insibu Triq Santu Wistin sa Triq il-Fatati u nibqgħu sejrin sa nofs Triq Villambrosa kienet kollha proprjetà tal-kunvent ta' Santu Wistin.

L-art iktar lil hinn lejn l-Imsida kienet tagħmel minnha l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri filwaqt li dik l-art li kienet tinsab lejn is-Sala Holywood u Triq San Tumas kienet tad-Dumnikani. Il-familji għanja ta' Sant Fournier, Zammit Gauci, Attard Montalto, Borg Olivier, Darmanino, Sceberras Bologna u oħrajn, u iktar tard dawk ta' Strickland, Tagliaferro, Salamone u oħrajn kienu, imbagħad, sidien ukoll ta' numru ta' kuntradi u oqsma mifruxin 'l hawn u 'l hinn fejn illum niltaqgħu mal-Ħamrun.

Bosta atti pubbliċi u notarili jixhdu li kemm il-Knisja Maltija kif ukoll dawn il-barunijiet u familji nobbli Maltin, bdew ibiegħu l-proprjetajiet tagħhom lil għadd ta' familji li kienu lesti li jiffabbrikaw sriebet ta' djar fuqhom u b'hekk jagħtu bidu lill-ftuħ ta' ktajjen ta' toroq maṭulhom.

Dan seħħ bħala efett ta' l-iżvilupp imsemmi, ekonomiku u kummerċjali, fil-portijiet ta' Malta minn naħa, u bħala reazzjoni għall-istess żvilupp, min-naħa l-oħra.

Bosta mis-sidien il-ġodda li taw bidu għall-bini urbanistiku tal-Ħamrun fl-aħħar snin tas-seklu l-ieħor wara li dan is-subborg kien tgħolla għad-dinjità ta' parroċċa awtonoma, kienu wirtu l-idea, anki minn barra minn Malta, li jtellgħu blokok kbar ta' appartamenti, speċi ta' binjiet ta' flattijiet kif nafuhom illum, li maż-żmien ħadu n-nomenklatura ta' "kerrejjiet" għaliex dawn l-istess sidien li bnewhom kienu jipprovdu fihom postijiet ta' għamara u għajxien bis-saħħa ta' kuntratti ta' kirja.

Dawn il-kerrejjiet kienu jingħarfu minn suriethom, l-iktar mill-fatt li huma kienu jkollhom entraturi komuni għall-appartamenti kollha li kienu jkunu mibnijin fuq ġewwa tagħhom b'tali mod li ħadd mill-abitanti ta' ġewwa fihom ma kienu jkunu jistgħu jidħlu fl-appartamenti tagħhom min-naħa ta' barra.

Palazzi qodma li kienu nbnew 'l hawn u 'l hinn fit-territorju konċernat sa minn żmien l-Ordni ta' l-Ospidaljeri ta' San Ġwann, bdew ukoll ikunu kkonvertiti f'dawn il-kerrejjiet. Bosta għandhom jiftakru l-kerrejja ta' "Santunuzzu" li kienet tmiss mal-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu magħrufa popolarment bħala "ta' Santunuzzu".

Din il-kerrejja kienet, fil-fatt, parti sewwa tal-palazz li kien inbena jmiss ma' din il-knisja, għalkemm b'modifiki u b'żidiet li sarulu fiż-żminijiet li għalihom qegħdin nalludu, u li kien għadu f'idejn il-familja nobbli ta' Sceberas Bologna sa nofs is-seklu dsatax, jiġifieri sa ftit qabel it-twettiq fih ta' l-istess modifiki u żidiet biex parti minnu tinbidel f'din il-kerrejja, qabel ma nxtara mis-Sur Bezzina fl-1931.

Bosta għadhom jiftakru wkoll il-kerrejja "ta' Ċjulinu" fuq ġewwa nett ta' dak li sa ftit ilu kien Sqaq ir-Rgħajja maġenb sewwa ta' Triq Schembri. Din il-kerrejja, li kienet l-aħħar f'idejn il-familja ta' bankiera ta' Bjaġju Tagliaferro u wliedu, illum m'għadhiex wieqfa għaliex twaqqgħet minħabba qdumitha u sabiex tagħmel wisgħa lil bini modern, anzi lil grawnd tal-futbol li issa qiegħed jerġa' jitwaqqaf mill-ġdid.

Il-kerrejja "tal-Gvern il-Qadima" jew "ta' Blacas" fejn illum insibu l-Istitut tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar m'għadu jiftakarha ħadd u kienet waħda minn ta' l-ewwel f'Malta fis-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu dsatax. Din kienet, mill-ġdid, palazz mibni fi żmien l-Ordni Ospidaljier tas-San Ġwann li kien ikkonvertit f'kerrejja f'nofs is-seklu li qegħdin insemmu. Din il-kerrejja ma kinetx l-istess waħda "tal-Gvern" li nbniet sewwasew ftit passi 'l bogħod fi Triq l-Iskola u Pjazza San Pawl fl-1883 wara li l-istess palazz ittieħed mis-Sorijiet imsemmijin, u li dak iż-żmien kienet il-kerrejja "tal-Gvern il-Ġdida", illum, naturalment, b'età li taqbeż il-mitt sena.

Waħda mill-ewwel u mill-ikbar kerrejiet li nbnew fil-Ħamrun kienet dik li baqgħet magħrufa sa llum bħala "Okella Agius" jew "ir-Rukkella" fil-bidunett ta' Triq Ħal Qormi. Din kienet inbniet mill-familja Agius, li kienet stagħniet ħafna bil-qliegħ li kienet għamlet minn negozju li kellha bbażat fil-minjieri tal-faħam fl-Ingilterra f'nofs is-seklu dsatax.

Din kienet ħadnet u ġabet magħha fostna mill-pajjiż Britanniku l-kunċett urbanistiku tal-bini ta' tali edifiċju ta' residenza, li hija wettqitu bil-bini ta' l-imsemmija "Okella Agius". Din il-familja Agius ma kinitx l-istess familja li snin wara bniet għadd ta' binjiet ta' appartament li wasslu biex tinfetaħ triq oħra – Triq San Vinċenz.

Il-kerrejja "ż-Żgħira' ftit metri 'l bogħod fi Triq Dun Nerik Cordina Perez – Triq il-Wiesgħa sa sentejn ilu, inbniet fl-aħħar tas-seklu l-ieħor u kellha tinħatt sewwa ma' l-għeluq tagħha fl-1993 wara li kienet dikjarata "Slum Area". Din il-kerrejja kienet tagħmel minnha l-familja Salamone qabel ma l-istess familja bdiet tbiegħ il-postijiet ta' ġewwa fiha lill-istess kerrejja li kienu jgħammru fihom.

Il-kerrejja "ta' Żimelli" kienet tinsab wara bini biswit Triq Schembri fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Irjali San Ġużepp u llum m'għadhiex teżisti wkoll bħal dik "ta' Ċjulinu" li kienet tinsab tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minnha. Din il-kerrejja kienet iġġarrfet fl-aħħar gwerra dinjija fl-1942 u ma reġgħetx inbniet.

It-triq li dari kienet twassal għaliha u li ġġib l-isem ta' "Triq Żimelli", hija l-unika tifkira li għad fadal minnha flimkien mal-memorji nostalġiċi ta' għadd ta' anzjani Ħamruniżi u ta' oħrajn li kienu twieldu fiha jew fin-

naħiet tagħha.

Il-kerrejja "ta' Żimelli", li kienet inbniet ukoll fl-istess żmien li qegħdin insemmu, kienet proprjetà tal-familja Zimelli, oriġinarjament Palermitana, li kienet għadha tagħmel minnha sa meta ġġarrfet waqt wieħed mill-"air-raids" fl-imsemmija gwerra.

Il-kerrejja hekk imsejħa "tal-Mejtin" kienet wieqfa flok fejn illum insibu s-Sala Hollywood mibnija mis-Sur Manuel Cassar fl-1953, u kienet ħadet laqamha mill-għadd ta' karozzini tal-mejtin li kienu jipparkjaw fin-niżla ta' biswitha.

Kerrejja oħra fil-Ħamrun li għadha wieqfa ssa llum, hija dik li kienu jsejħulha "ta' Suffettu" sa ftit snin ilu għall-isem popolari ta' Ġużeppi Zahra li kien sid tagħha flimkien ma' ħutu. Din il-kerrejja kienet magħrufa għat-tlett imħażen u għall-imqajel tal-baqar li kienu ttellgħu magħha meta hija bdiet tinbena fis-sena 1886 mis-Sur Ġammri Zahra, u li minħabba fihom kemm hija kienet magħrufa wkoll bħala "tal-Baqar" kif ukoll il-parti ta' Triq Atoċja fuq l-għolja "tas-Samra", li kienet tħares fuqha, kienet ħadet l-isem tan-"niżla" jew "it-telgħa tal-Baqar".

Tlett kerrejjiet, ta' idejn privati, jinsabu, fl-aħħarnett, fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Ħamrun, cioé fi Triq Vincenzo Bugeja, Triq Barth u Triq Gafà. Dawn huma tal-bidu ta' dan is-seklu u huma magħrufin għall-verandi sbieħ tagħhom li jħarsu fuq l-istess toroq.


**RONNIE SIVE PETRUS**

*(Prop.) Ronnie Spiteri*

**FUNERAL UNDERTAKER**

Day and Night Service

***I am a professional in my work of dressing and injecting the dead.***
***I will be able to supply coffins, hearses and funeral cars.***



*Offices:*
*Quarries Sqr., St. Venera (near Romeo Romano Garden)*
*30 Msida Rd., St. Venera. Tel: 236859, 484489.*
*Residence: St. Joseph, 1 Triq l-Irmiġġ, Msida (near Old Peoples' Home). Tel: 224181.*
*No connection with Petrus Garage or other Firm.*